

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL****tal-20 ta' Lulju 2020****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tan-Netherlands tal-2020 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill  
dwar il-Programm ta' Stabbiltà tan-Netherlands tal-2020**

(2020/C 282/19)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, li tat bidu għas-Semestru Ewropew tal-2020 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Fis-17 ta' Diċembru 2019, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lin-Netherlands bħala wieħed mill-Istati Membri li huwa meħtieġ li ssirlu analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro.
- (2) Ir-rapport dwar il-pajjiż għall-2020 tan-Netherlands ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2020. Huwa vvaluta l-progress tan-Netherlands fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019 <sup>(3)</sup> ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għall-2019"), is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tan-Netherlands lejn il-miri nazzjonali tagħhom ta' Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-26 ta' Frar 2020. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li n-Netherlands qed jesperjenzaw iżbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, l-istokk għoli ta' dejn privat u s-surplus kbir tal-kontijiet huma sorsi ta' iżbilanċi u għandhom rilevanza transfruntiera.

<sup>(1)</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

<sup>(3)</sup> ĠU C 301, 5.9.2019, p. 112.

- (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa uffiċjalment iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija dinjija. Din hija emerġenza serja tas-saħħa pubblika għaċ-ċittadini, is-soċjetajiet u l-ekonomiji. Qiegħda tpoġġi lis-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni qawwija, tikkawża tfixkil fil-katini ta' provvista dinjija, toħloq volatilità fis-swieq finanzjarji, tiskatta xokkijiet fid-domanda tal-konsumatur u qed ikollha effetti negattivi f'diversi setturi. Qiegħda tkun ta' theddida għall-impjiegi u għad-dħul tan-nies kif ukoll għan-negozju tal-kumpaniji. Hija kkawżat xokk ekonomiku kbir li diġà qiegħed ikollu riperkussjonijiet serji fl-Unjoni. Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tappella għal reazzjoni ekonomika koordinata għall-kriżi, li tinvolvi l-atturi kollha fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni.
- (4) Diversi Stati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza jew daħħlu miżuri ta' emerġenza. Jenħtieġ li kwalunkwe miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, neċessarja, b'terminu ta' żmien limitat, u konformi ma' standards Ewropej u internazzjonali. Jenħtieġ li tkun soġġetta għal sorveljanza demokratika u skrutinju ġudizzjarju indipendenti.
- (5) Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola liberatorja ġenerali, kif previst fl-Artikolu 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97<sup>(4)</sup>, tiffaċilita l-koordinament tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni kkunsidrat li, meta titqies il-kriżi ekonomika qawwija mistennija bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-kondizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali kienu sodisfatti u talbet li l-Kunsill japprova din il-konklużjoni. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri għall-finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Huma qablu li l-kriżi ekonomika qawwija tirrikjedi reazzjoni reżoluta, ambizzjuża u kkoordinata. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, sakemm dan ma jpoġġix fil-periklu sostenibbiltà fiskali fuq il-perjodu medju ta' żmien. Fil-każ tal-parti korrettiva, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissuspendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Din tippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw fil-waqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji ta' koordinazzjoni tal-politika fi ħdan il-qafas tal-Patt.
- (6) Hija meħtieġa azzjoni kontinwa biex jiġi limitat u kontrollat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa, jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija permezz ta' miżuri ta' sostenn għan-negozji u l-unitajiet domestiċi, u jiġu żgurati kondizzjonijiet adegwati ta' saħħa u sigurtà fil-postijiet tax-xogħol bil-għan li tinbeda mill-ġdid l-attività ekonomika. Jenħtieġ li l-Unjoni tuża b'mod sħiħ id-diversi għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma. B'mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex iħejju l-miżuri meħtieġa biex iġibu lura l-funzjonament normali tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna u t-tkabbir sostenibbli, jintegraw fost l-oħrajn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u jieħdu tagħlimiet mill-kriżi.
- (7) Il-kriżi tal-COVID-19 tefgħet enfasi fuq il-flessibbiltà li joffri s-suq intern ta' adattament għal sitwazzjonijiet straordinarji. Madankollu, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni malajr u bla xkiel lejn il-fażi ta' rkupru u l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u ħaddiema, jenħtieġ li jitneħħew dawk il-miżuri eċċezzjonali li ma jħallux lis-suq intern jiffunzjona b'mod normali hekk kif dawn ma jibqgħux indispensabbli. Il-kriżi kurrenti evidenzjat il-ħtieġa li jkun hemm pjanijiet ta' thejjiya għall-kriżijiet fis-settur tas-saħħa. Strateġiji mtejba ta' akkwist, katini ta' provvista diversifikati u riżervi strateġiċi ta' provvisti essenzjali huma fost l-elementi kruċjali għall-iżvilupp ta' pjanijiet usa' għat-thejjiya għall-kriżijiet.

(<sup>4</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffew u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

- (8) Il-leġislatur tal-Unjoni diġà emenda l-oqfsa leġislattivi rilevanti permezz tar-Regolamenti (UE) 2020/460 <sup>(5)</sup> u (UE) 2020/558 <sup>(6)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti lill-Istati Membri jattivaw ir-riżorsi kollha mhux użati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-effetti eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Dawk l-emendi ser jipprovdu flessibilità addizzjonali, kif ukoll proċeduri ssimplifikati u razzjonalizzati. Sabiex jittaffew il-persjonijiet ta' flussi ta' flus, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll minn rata ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-Unjoni fis-sena kontabilistika 2020-2021. In-Netherlands huma mħeġġa biex jagħmlu użu sħiħ minn dawn il-possibilitajiet biex jgħinu lill-individwi u lis-setturi l-aktar affettwati.
- (9) In-Netherlands ippreżentaw il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom fit-28 ta' April 2020 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tagħhom fid-29 ta' April 2020. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (10) In-Netherlands bħalissa jinsabu fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u huma suġġetti għar-regola tad-dejn.
- (11) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tiegħu, il-gvern qiegħed jippjana li l-bilanċ nominali jddeterjora minn surplus ta' 1,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 għal surplus ta' 0,1 % tal-PDG fl-2020. Il-bilanċ favorevoli huwa previst li jonqos għal 0,0 % tal-PDG fl-2023. Wara li naqas għal 48,6 % tal-PDG fl-2019, il-proporzjon tad-dejn tal-amministrazzjoni pubblika mal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 46,3 % fl-2020 skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2020. Madankollu, ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji m'għadux jidher realistiku u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 ma jqisx numru sinifikanti tal-miżuri mħabbra min-Netherlands b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Il-Memorandum tal-Baġit tar-Rebbiegħa <sup>(7)</sup> fih aġġornament tal-projezzjonijiet baġitarji. Fuq il-bażi tal-Memorandum tal-Baġit tar-Rebbiegħa, il-bilanċ nominali tal-Gvern huwa pplanat li jddeterjora għal defiċit ta' 11,8 % tal-PDG fl-2020 u l-proporzjon tad-dejn mal-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiddied għal 65,2 % fl-2020. Il-prospettiva makroekonomika u fiskali hija affettwata mill-inċertezza kbira minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
- (12) B'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, in-Netherlands adottaw miżuri baġitarji f'waqthom biex iżidu l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tiegħu, irażżnu l-pandemija, u jiprovdu għajjnuna lil dawk l-individwi u setturi li ntaqtu b'mod partikolari. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 u l-Memorandum tal-Baġit tar-Rebbiegħa, dawn il-miżuri baġitarji jammontaw għal 2,7 % tal-PDG. Il-miżuri jinkludu t-tisħiħ tas-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-għajjnuna ta' emerġenza għal setturi li jinsabu f'diffikultà, l-appoġġ għad-dħul għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-impjegati. Barra minn hekk, in-Netherlands ħabbru miżuri li, filwaqt li ma jkollhomx impatt baġitarju dirett, ser jikkontribwixxu fl-għoti ta' sostenn għal-likwidità tan-negozji. Dawn il-miżuri jinkludu differimenti tat-taxxa għal taxxi fuq l-introjt tal-kumpaniji (4,6 % għal 5,9 % tal-PDG) u garanziji fuq self (1,8 % tal-PDG). B'mod ġenerali, il-miżuri li ħadu n-Netherlands huma konformi mal-linji gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020. L-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ta' emerġenza u ta' miżuri fiskali ta' appoġġ, segwita minn iffukar ġdid tal-politiki fiskali lejn il-kisba ta' pozzizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien, meta jkunu jippermettu l-kondizzjonijiet ekonomiċi, ser ikunu ta' kontribut għall-preservazzjoni tas-sostenibilità fiskali fuq perjodu medju ta' żmien.
- (13) Fuq il-bażi tat-tbassir tar-Rebbiegħa tal-2020 tal-Kummissjoni taħt politiki mhux mibdula, il-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika tan-Netherlands huwa mbassar li jkun ta' -6,3 % tal-PDG fl-2020 u ta' -3,5 % fl-2021. Id-differenza ta' 5,5 punti perċentwali bejn il-previżjoni tal-Memorandum tal-Baġit tar-Rebbiegħa u dik tal-Kummissjoni hija xprunata minn kontabbiltà differenti tad-differimenti tat-taxxa (4,6 % għal 5,9 % tal-PDG), li fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2020 tal-Kummissjoni mhumiex allokati bħala tnaqqis fid-dħul fl-2020. Il-proporzjon ta' dejn tal-gvern estiż huwa projettat li jilħaq it-62,1 % tal-PDG fl-2020 u s-57,6 % fl-2021.
- (14) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba l-ksur ipproġettat tan-Netherlands tal-limitu ta' defiċit ta' 3 % tal-PDG fl-2020. B'mod ġenerali, l-analiżi mill-Kummissjoni tindika li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ma twettaqx.

<sup>(5)</sup> Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5).

<sup>(6)</sup> Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibilità eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1).

<sup>(7)</sup> Budget Memorandum 2020 (Voorjaarsnota 2020), ippreżentat għal revizzjoni lit-Tieni Awla minn W. Hoekstra, Ministru tal-Finanzi, fil-25 ta' April 2020.

- (15) Wara tkabbir qawwi f'dawn l-aħħar snin, il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet fit-tmien għal sitt snin konsekuttivi ta' espansjoni ekonomika fin-Netherlands. Din is-sena, l-ekonomija tan-Netherlands hija mistennija li tesperjenza l-akbar tnaqqis tagħha fl-istorja ta' wara l-gwerra tal-pajjiż. Il-komponenti kollha tad-domanda, ħlief il-konsum pubbliku, huma mistennija li jonqsu drastikament din is-sena, b'attività ekonomika pproġettata fit-tieni kwart. Fl-2021, l-ekonomija x'aktarx tirkupra b'rata ferm ogħla mix-xejra ta' tkabbir, li tirrifletti n-normalizzazzjoni gradwali tal-attività ekonomika u l-irkupru tad-domanda domestika u l-kummerċ dinji minn livell baxx. Madankollu, il-livelli ta' attività huma mistennija li jibqgħu 'l isfel minn dawk tal-2019. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2020 tal-Kummissjoni, il-qgħad huwa mistenni li jiżdied għal 5,9 % fl-2020, l-aktar minħabba l-għeluq mandatorju ta' negozji u t-tnaqqis globali f'daqqa fl-attività ekonomika, iżda mbagħad jinżel għal 5,3 % fl-2021. Il-miżuri ta' protezzjoni tal-impjeg, b'mod partikolari l-Miżura Temporanja ta' Tranżizzjoni għal Impjegi Sostnuta u l-appoġġ ta' dħul addizzjonali għal dawk li jaħdmu għal rashom, għandhom jgħinu biex jitnaqqas it-telf tal-impjeg. Madankollu, id-deterjorament tas-suq tax-xogħol huwa mistenni li jaċċellera fix-xhur li ġejjin billi d-ditti f'setturi milquta ħafna inevitabbilment inaqqsu l-impjegati, speċjalment ħaddiema b'kuntratti flessibbli u temporanji.
- (16) Bi tweġiba għar-riperkussjonijiet ekonomiċi f'daqqa u għall-evaporazzjoni tad-domanda f'setturi speċifiċi, il-gvern adotta pakkett komprensiv ta' miżuri ta' emerġenza biex jgħin biex tiġi evitata ħsara strutturali lill-ekonomija. Dan ir-rispons qawwi ta' politika huwa mmirat lejn l-oqsma l-aktar milquta mill-kriżi tal-COVID-19 u jiffoka fuq il-protezzjoni tal-impjeg u l-kapaċità tal-akkwist tal-familji, il-kumpens finanzjarju dirett għall-industriji li ntliaqtu ħażin, kif ukoll id-differiment tat-taxxa u l-garanziji fuq is-self biex jiġi appoġġat il-fluss tal-kreditu lis-settur privat. Għalhekk għandu jipprevjeni problemi temporanji ta' likwidità milli jinbidlu għal kwistjonijiet ta' insolvenza. Barra minn hekk, l-istabilizzaturi awtomatiċi għandhom jgħinu biex inaqqsu l-intensità tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Il-Bank Ċentrali naqqas ukoll il-bafers kapitali sistemiċi għall-akbar banek u qed jipposponi miżura biex jintroduċi limitu minimu tal-piż tar-riskju għall-ipoteki, biex b'hekk jeħles il-kapital bankarju u jippermetti lill-banek jespandu b'mod sinifikanti s-self lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji.
- (17) Is-sistema tas-saħħa għandha prestazzjoni relattivament tajba f'termini ta' kontribuzzjoni għas-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni u tiżgura l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa. Bħala parti mir-reazzjoni immedjata għall-kriżi tal-COVID-19, in-Netherlands stabbilixxew strateġija ta' kontroll li tinvolvi miżuri tas-saħħa pubblika ġenerali u adottaw miżuri ta' finanzjament tas-saħħa mfassla apposta. Madankollu, il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 ittestja r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa. F'dan ir-rigward, kien hemm tħassib diġà eżistenti. Il-kapaċità tal-forza tax-xogħol għandha tibbenefika mill-indirizzar ta' nuqqasijiet eżistenti, b'mod partikolari tal-infermiera u fil-kura tas-saħħa primarja. Il-governanza globali tas-sistemi tas-saħħa u l-kapaċità tagħhom li jiżguraw it-twassil tas-servizzi integrati tul il-continuum tal-kura tista' tittejjeb billi l-governanza tad-data tissaħħaħ aktar u billi jiżdied l-użu tal-għodod tas-saħħa elettronika. Il-pandemija tal-COVID-19 għalhekk enfasizzat il-ħtieġa li tkompli tittejjeb ir-reżiljenza u t-tħejjija għall-kriżijiet tas-sistema tas-saħħa billi jiġu indirizzati tali sfidi strutturali.
- (18) Filwaqt li fl-2019 u kmieni fl-2020 s-suq tax-xogħol kompli jittejjeb sew u b'mod ġenerali, il-kriżi tal-COVID-19 naqqset it-tkabbir ekonomiku u hija mistennija li twassal għal żieda konsiderevoli fil-qgħad. Ittieħdu serje ta' miżuri ekonomiċi mingħajr preċedent biex jitħarsu l-impjeg u l-għajxien tan-nies u biex jitnaqqas l-impatt fuq il-persuni li jaħdmu għal rashom, l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) u l-kumpaniji ewlenin. Biex jiġi ppreservat l-impjeg, impjegaturi li jstennew telf ta' mill-inqas 20 % tad-dħul tagħhom minħabba l-kriżi tal-COVID-19, jistgħu japplikaw għal provvedimenti (sa 90 % tal-kont tal-pagi tal-kumpanija, skont it-telf ta' fatturat) li jippermettilhom iħallsu l-pagi tal-impjegati tagħhom għal perjodu ta' tliet xhur, li ġie estż għal erba' xhur oħra. Il-persuni li jaħdmu għal rashom se jkollhom rikors għal proċedura mħaffa li tippermettilhom japplikaw għal appoġġ addizzjonali għall-introjt sal-ammont tal-paga minima soċjali, li se tghinohom iħallsu l-ispejjeż tal-għajxien tagħhom għal perjodu ta' tliet xhur, li ġie estż ukoll b'erba' xhur.
- (19) Il-mitigazzjoni tal-impjeg u l-impatt soċjali tal-kriżi tal-COVID-19 għal dawk l-aktar milquta jenħtieġ li tkun parti mill-istrateġija ta' rkupru. Minkejja l-pakkett ta' miżuri li tieħdu biex jiġu ppreservati l-impjeg, in-nies f'pożizzjoni tas-suq tax-xogħol inqas favorevoli u/jew sitwazzjoni soċjali vulnerabbli ntliaqtu ħafna iktar. Il-qgħad żdied, b'mod partikolari għal persuni li jaħdmu fuq kuntratti flessibbli, bħaż-żgħażaġh, il-ħaddiema temporanji permezz ta'

aġenzja u persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat ukoll sfidi sinifikanti f'termini ta' aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata għall-persuni li jaħdmu għal rashom li ħafna drabi huma assigurati taħt l-assigurazzjoni (jew mhux assigurati xejn) kontra l-mard, id-diżabbiltà, il-qgħad u x-xjuħija.

- (20) Is-sostenn ta' likwidità għan-negozji permezz ta' self u garanziji, b'enfasi fuq l-SMEs, kien tal-akbar importanza. Id-distribuzzjoni tal-appoġġ ta' likwidità lil impriżi għandu jiġi implimentat b'mod effettiv u rapidu mill-intermedjarji filwaqt li tiġi sostnuta r-reżiljenza tagħhom. Il-fatt li l-ħlasijiet differiti tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali jiġu permessi u li jitħaffu l-ħlasijiet kuntrattwali mill-awtoritajiet pubbliċi jista' jgħin iktar biex jitjeb il-fluss tal-flus tal-intrapriżi zġħar u ta' daqs medju. Negozji ġodda u li qed jespandu li jkunu għadhom kemm twaqqfu jistgħu jeħtieġu appoġġ speċifiku, eż. fil-forma ta' ishma ta' ekwità minn istituzzjonijiet pubbliċi u incenivi għal fondi ta' kapital ta' riskju biex iżidu l-investimenti tagħhom f'dawn id-ditti. Dan jista' jgħin biex jiġi evitat il-bejgħ bl-għaġla f'kumpaniji Ewropej li huma strateġikament importanti. Kif permess u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 <sup>(8)</sup>, jenħtieġ li jiġi żgurat appoġġ ta' ekwità jew kważi ekwità għall-impriżi <sup>(9)</sup> kollha u mhux biss għal dawk li jissodisfaw id-definizzjoni tal-Kummissjoni ta' SMEs. Biex jitravwem l-irkupru ekonomiku, se jkun importanti li l-proġetti ta' investiment pubbliku maturi jiġu avvanzati minn qabel u li jiġi promoss l-investiment privat, inkluż permezz ta' riformi rilevanti.
- (21) Biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku, ser ikun importanti li l-proġetti maturi ta' investiment pubbliku jiġu ffinanzjati b'mod aktar sostanzjali fil-bidu tagħhom, u li jiġi promoss l-investiment privat, inkluż permezz tar-riformi rilevanti. Azzjoni ta' politika mmirata, inkluż investiment f'setturi bl-ikbar prospetti li jiżdied it-tkabbir potenzjali għall-ekonomija usa', tista' tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi aċċelerati mill-kriżi reċenti tal-COVID-19. B'mod partikolari, l-investimenti fir-R&Z inkorporati fis-setturi ewlenin u l-politika tal-innovazzjoni <sup>(10)</sup> xprunati mill-missjoni kif ukoll il-kapital uman jistgħu jgħinu biex jappoġġaw it-tkabbir tal-produttività fit-tul u jżommu kapaċità ta' innovazzjoni b'saħħitha. Dan huwa speċjalment il-każ għan-negozji l-ġodda, in-negozji li qed jespandu u l-SMEs innovattivi, li huma kruċjali biex jittejjbu l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi. L-investiment f'inizjattivi mill-Ftehim tan-Netherlands dwar il-Klima u l-Pjan Nazżjonali għall-Enerġija u l-Klima biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u tiġi promossa t-tranżizzjoni tal-enerġija jista' jagħti kontribut ewlieni għall-għanijiet usa' tas-soċjetà, inkluż il-ħtieġa li jiġi żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Fl-aħħar nett, l-investiment f'abitazzjonijiet ġodda huwa meħtieġ biex jitnaqqas in-nuqqas attwali ta' akkomodazzjoni. L-ippogrammar tal-Fond għal Transizzjoni Ġusta, li huwa s-suġġett ta' proposta tal-Kummissjoni, għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin lin-Netherlands jindirizzaw xi wħud mill-isfidi li toffri t-transizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari fit-territorji koperti fl-Anness D tar-rapport dwar il-pajjiż għall-2020. Dan jippermetti li n-Netherlands jagħmlu l-aħjar użu minn dan il-Fond.
- (22) Il-ħiliet tekniċi u diġitali u l-professionisti kwalifikati huma kruċjali għall-kapaċità tal-ekonomija tan-Netherlands biex tkun innovattiva u għal tkabbir tal-produttività sostenibbli u inklużiv. L-investiment fil-ħiliet bażiċi u/jew diġitali, l-educazzjoni u t-taħriġ, fosthom opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għal kulħadd, jibqa' wkoll kruċjali għat-titjib tal-aċċess għas-suq tax-xogħol b'mod partikolari biex tissaħħaħ l-impjegabbiltà ta' dawk fil-marġini tas-suq tax-xogħol (inklużi persuni bi sfond ta' migrazzjoni u persuni b'diżabbiltà), filwaqt li jitravwmu opportunitajiet indaqs u inklużjoni attiva.
- (23) In-Netherlands ħadu miżuri kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda l-livell għoli ta' dividendi, royalties u pagamenti ta' imġax li jsiru permezz tan-Netherlands jissuġġerixxi li r-regoli tat-taxxa tal-pajjiż huma użati minn kumpaniji li jinvolvu ruħhom f'ippjanar aggressiv tat-taxxa. Proporzjon kbir tal-istokk tal-investiment dirett barrani huwa miżmum mill-“entitajiet bi skop speċjali. In-nuqqas ta' taxxi minn ras il-għajn fuq royalties destinati għal barra (jiġifieri minn residenti tal-UE għal residenti ta' pajjiż terz) u l-pagamenti ta' imġax jista' jwassal biex dawk il-pagamenti jevadu t-taxxa kompletament, jekk huma wkoll ma jiġux soġġetti għat-taxxa fil-ġurisdizzjoni riċeventi. Ir-riforma li għadha kif ġiet adottata dwar it-taxxi minn ras il-għajn kondizzjonali fuq ir-royalty, u l-pagamenti tal-imġax f'każ ta' abbuż jew pagamenti lil ġurisdizzjonijiet b'rata baxxa ta' taxxa jew ġurisdizzjonijiet elenkati fil-lista tal-Unjoni ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, li se jiġu implimentati mill-1 ta' Jannar 2021, huwa pass pożittiv lejn tnaqqis fl-ippjanar aggressiv tat-taxxa. L-effikaċja tar-riforma għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib.

<sup>(8)</sup> ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1.

<sup>(9)</sup> Inkluż għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu b'mudelli kummerċjali kompetittivi iżda li l-likwidità tagħhom hija affettwata b'mod negattiv mill-pandemija tal-COVID-19.

<sup>(10)</sup> Dan l-approċċ politiku ġdid għandu l-għan li jagħti spinta lill-investiment fir-R&Z sabiex jinkisbu l-miri fit-tul dwar sfidi soċjetali ewlenin miġbura f'erba' “missjonijiet”: (i) tranżizzjoni u sostenibbiltà tal-enerġija; (ii) l-agrikoltura, l-ilma u l-ikel; (iii) is-saħħa u l-kura; u (iv) is-sigurtà. Il-politika titqies bħala prijorità ewlenija għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà (Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi (EZK) (2018), *Kamerbrief: Naar Missiegedreven Innovatiebeleid met Impact*, Rijksoverheid, The Hague.)

- (24) Għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji tan-Netherlands reċentement kienu involuti fi kwistjonijiet ta' ħasil tal-flus. Dawn il-każijiet jenfassizzaw il-ħtieġa, minkejja l-isforzi reċenti, li tissaħħa is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u li jiġu investigati u mħarrka każijiet ta' ħasil tal-flus. Lil hinn mis-settur finanzjarju, il-ftuħ tal-ekonomija Netherlandiża għall-investimenti diretti barranin u l-istrutturi ġuridiċi kumplessi tal-pajjiż joħlqu wkoll riskji sinifikanti ta' ħasil tal-flus. L-allinjament ħażin bejn ir-rappurtar baxx ta' tranżazzjonijiet mhux tas-soltu minn fornituri ta' servizzi ta' fiduċja u ta' kumpaniji u l-konsulenti tat-taxxa u l-iskopertura għal riskju għoli tagħhom jitolb superviżjoni proporzjonata. Minħabba l-preżenza estensiva ta' strutturi legali kumplessi, il-funzjonament tajjeb tar-reġistru tas-sjeda benefiċjarja huwa essenzjali biex jiġi evitat l-użu ħażin ta' tali entitajiet, iżda r-reġistru għadu ma ġiex stabbilit.
- (25) Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż magħmulin f'din ir-Rakkomandazzjoni ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020") jiffukaw fuq l-indirizzar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija u fuq l-iffaċilitar tal-irkupru ekonomiku, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 ukoll koprew riformi li huma essenzjali biex jiġu ttrattati l-isfidi strutturali fuq perjodu ta' żmien medju sa dak twil. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 jibqgħu pertinenti u ser ikomplu jiġu monitorjati matul is-Semestru Ewropew tas-sena d-dieħla. Dan jinkludi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 fir-rigward tal-politiki ekonomiċi relatati mal-investment. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 kollha għandhom jittqiesu għall-iprogrammar strateġiku tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, inkluż għal miżuri ta' mitigazzjoni u l-istrateġiji ta' ħruġ fir-rigward tal-kriżi kurrenti.
- (26) Is-Semestru Ewropew jipprovi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika u tal-impjiegi fl-Unjoni, li jista' jkun ta' kontribut għal ekonomija sostenibbli. Fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom, l-Istati Membri evalwaw il-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti. Bl-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020, in-Netherlands ser jikkontribwixxu għall-progress lejn l-SDGs u għall-isforz komuni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà kompetittiva fl-Unjoni.
- (27) Il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja hija kruċjali fil-kisba ta' rkupru rapidu mill-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Jenħtieġ li, bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, in-Netherlands jiżguraw li l-politiki tagħhom jibqgħu konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-2020 għaż-żona tal-euro u jibqgħu kkoordinati ma' dawk tal-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jittieħed kont tal-gwida politika mill-Grupp tal-Euro.
- (28) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tan-Netherlands u ppubblikatha fir-rapport dwar il-pajjiżi tal-2020. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lin-Netherlands fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fin-Netherlands imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħa il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (29) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 u l-opinjoni tiegħu <sup>(1)</sup> hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (30) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020 iqisu l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19 u li jiġi ffaċilitat l-irkupru ekonomiku bħala l-ewwel pass meħtieġ biex ikun jista' jsir aġġustament tal-iżbilanċi. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020 li jindirizzaw direttament l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (3),

B'DAN JIRRAKKOMANDA li n-Netherlands jieħdu azzjoni fl-2020 u l-2021 biex:

1. Jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru sussegwenti. Meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jkun jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien u tiżgura s-sostenibbiltà fejn jidħol id-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investment. Isaħħu ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti ta' ħaddiema tas-saħħa u jiddied l-użu ta' għodod rilevanti tas-saħħa elettronika.

<sup>(1)</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

2. Itaffu l-impatt soċjali u tal-impjegi tal-kriżi tal-COVID-19 u jipromwovu protezzjoni soċjali adegwata għal dawk li jaħdmu għal rashom.
3. Tiffinanzja b'mod sostanzjali fil-bidu ta' tagħhom proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku. Jiffokaw l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali, l-infrastruttura sostenibbli, il-produzzjoni nadifa u effiċjenti u l-użu tal-enerġija kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni orjentati lejn missjoni.
4. Jieħdu passi biex jindirizzaw kompletament il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa b'mod partikolari fuq pagamenti 'l barra mill-pajjiż, b'mod partikolari billi jimplementaw il-miżuri adottati u jiżguraw l-effikaċja tagħha. Jiżguraw is-superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KLOECKNER

---